# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 11**

**Rikors numru 19/14 JZM**

**Matthew Bajada**

**v.**

**Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

## Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed maghmul mir-rikorrent Matthew Bajada u l-iehor maghmul mill-intimat l-Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fid-29 ta' Settembru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet l-ewwel talba tar-rikorrent u ddikjarat li ma kienx hemm ksur tal-Artikoli 3 u 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni

Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni]; laqghet it-tieni talba tar-rikorrent limitatament fis-sens illi ssib li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita` fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 li tat il-Qorti Kriminali[1]; laqghet it-tielet talba li kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif protetti mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni; u riferibbilment ghar-raba' talba llikwidat favur ir-rikorrent kumpens fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghan-nuqqas ta' proporzjonalita` skont id-decizjoni taghha dwar it-tieni talba u ghall-vjolazzjoni skont id-decizjoni dwar it-tielet talba, b'kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**Mertu**

2. Il-fatti relevanti ghal dawn l-appelli tal-partijiet, huma biss dawk li jitrattaw il-kwistjoni tan-nuqqas ta' proporzjonalita` u l-ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, li jifformaw il-mertu tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrent. L-ewwel talba tar-rikorrent giet michuda u ma gie interpost ebda appell mill-kap relattiv tas-sentenza appellata.

3. Ir-rikorrent kien mixli quddiem il-Qorti ta' kompetenza Kriminali[2] b'diversi reati konnessi mal-pussess illegali u traffikar ta' sustanzi kontrollati u permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istuttorja fis-17 ta' Frar 2009, kien inghata l-helsien mill-arrest taht

[1] L-ewwel Qorti ma sabitx l-element ta' arbitrarjeta` u cahdet in parte t-tieni talba.
[2] A fol. 34.

diversi obbligazzjonijiet, fosthom li jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett tal-Hamrun kuljum[3] fil-hinijiet indikati, jiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) u jaghti garanzija personali fis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000), dan kollu bil-kundizzjoni espressa li f'kaz li r-rikorrent jikser wahda jew iktar mill-obbligazzjonijiet elenkati fid-digriet imsemmi, jitlef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u s-somma totali ta' hamsa u tletin elf Euro (€35,000) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali.

4. Permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Lulju 2012, wara li gie stabbilit illi r-rikorrent kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fid-digriet tal-Qorti Struttorja ghall-helsien mill-arrest tieghu, ossia l-kundizzjoni li jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija darbtejn fil-gimgha, giet ordnata r-revoka tal-helsien tieghu mill-arrest, il-konfiska tad-depozitu fis-somma ta' €5,000 piu` l-hlas tal-garanzija personali fis-somma ta' €30,000. Jirrizulta li ghal dak iz-zmien[4] li r-rikorrent baqa' detenut fil-habs wara l-ordni ghar-riarrest tieghu sakemm irnexxielu jiffinanzja l-hlas tal-imsemmija somma tal-garanzija bankarja, l-ammont ta' €30,000 tnaqqas bis-somma ta' €2,353 bis-sahha tal-konverzjoni kontemplata fl-Artikolu 586 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex finalment ir-rikorrent hallas is-somma ta' €27,647 fit-13 ta' Frar 2013.

---

[3] Din il-kundizzjoni giet sussegwentement varjata b'digriet tat-3 ta' Novembru 2009 li ordnat lir-rikorrenti jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt fl-istess hinijiet.
[4] Cirka 202 jum.

5. Bir-rikors tieghu pprezentat fil-25 ta' Frar 2014 quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikorrent jikkontendi, *inter alia*, illi l-obbligazzjoni li huwa naqas milli josserva hija wahda ta' natura ancillari u ghalhekk bl-ordni taghha tas-16 ta' Lulju 2012, il-Qorti Kriminali filwaqt li naqset milli tuza d-diskrezzjoni li messha applikat fic-cirkostanzi biex timmitiga t-telf skont il-gradwazzjoni tal-gravita` tal-kundizzjoni miksura, naqset ukoll milli tosserva l-principju tan-non arbitrarjeta` u tal-proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettieq tal-obbligu preskritt mil-Ligi. Ir-rikorrent ghalhekk talab lill-ewwel Qorti tiddikjara, *inter alia* li l-Qorti Kriminali, meta ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €35,000 li giet iffissata mid-digriet tas-17 ta' Frar 2009, ma mexietx skont l-imsemmija principji ta' nuqqas ta' arbitrarjeta` u proporzjonalita` u kwindi gie lez id-dritt fondamentali tieghu protett mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Talab ukoll in linea ta' rimedju, illi jigi ordnat ir-rilaxx tas-somom depozitati *in toto* jew *in parte* a favur tieghu.

6. L-intimati, fir-risposta taghhom ipprezentata fis-26 ta' Marzu 2014, eccepew illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante illi l-fatti allegati minnu ma jinkwadrawx fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni billi kien ir-rikorrent stess li naqas milli jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu ghal diversi xhur u ghalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda ksur tad-dritt ghall-helsien mill-arrest u detenzjoni arbitrarja. Gie eccepit ukoll illi f'kaz li jigi identifikat xi ksur

tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti bhala rimedju.

## Is-Sentenza Appellata

7. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ghamel is-segwenti talbiet:

> "1. Meta bid-digriet taghha tas-16 ta` Lulju 2012 il-Qorti Kriminali ddecidiet illi l-kundizzjoni dwar l-iffirmar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija giet miksura, u rrevokat il-helsien mill-arrest u ordnat il-konfiska tad-depozitu u garanzija personali ai termini tal-artikolu 579(l), ghax irriteniet illi l-mument li jkun hemm ksur ta` xi kundizzjoni l-effetti huma awtomatici dawn it-tnejn, ossia ir-riarrest u l-konfiska tad-depozitu u garanzija personali, ma qaghditx fuq l-ahjar prova u b`hekk gew lezi d-drittijiet funamentali tieghu u ghalhekk fuq il-fatti premessi kien hemm vjolazzjoni tal-artikoli 3 u 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-artikoli 36, 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ;
>
> "2. Meta l-Onorabbli Qorti Kriminali cahdet ir-rikorsi tal-esponent u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta biex is-somom indikati bhala depozitu kif ukoll bhala garanzija personali fid-digriet moghti fit-13 ta` Frar, 2009, inavvertitament ma mxietx mal-principji tal-proporzjonalita` u arbitrarjeta` imhaddna fil-Konvenzjoni Ewropea u enuncjata fis-sentenzi tal-ECHR ;
>
> "3. Meta saret il-konfiska msemmija fil-kaz in ezami gew vjolati d-drittijiet tal-esponenti senjatament dawk derivati mill-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ;
>
> "4. Tenut kont tal-principji ta` proporzjonalita` u arbitrarjeta`, kif ukoll li l-allegat ksur, jekk stess jirrizulta, jittratta dwar kundizzjoni ancillari, tordna r-rilaxx tas-somom depozitati in toto jew in parte favur ir-rikorrent.
>
> "5. Bl-ispejjez kontra l-intimati."

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghall-appell odjern:

> "V <u>It-tieni u t-tielet talbiet</u>

"Il-pern ta` dawn it-talbiet hija l-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali tar-rikorrent favur il-Gvern ta` Malta.

"Fil-kaz tat-tieni talba jissemmew in-nuqqas ta` proporzjonalita' u l-arbitrarjeta`, waqt li fil-kaz tat-tielet talba huwa nvokat ksur tal-Art 5 tal-Konvenzjoni.

"**L-Art 5 tal-Konvenzjoni** jaqra hekk :-

""(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna.

"Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-libertà tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi :

"(a) id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuna wara li tinsab hatja minn qorti kompetenti ;

"(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuna ghal nuqqas ta` tharis ta` ordni skont il-ligi ta` qorti jew sabiex jigi zgurat it-twettiq ta` xi obbligu preskritt mil-ligi ;

"(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta` persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat ;

"(d) id-detenzjoni ta` minuri b`ordni skont il-ligi ghall-iskop ta` sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tieghu skont il-ligi sabiex jigi migjub quddiem l-awtorità legali kompetenti ;

"(e) id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuni biex jigi evitat it-tixrid ta` mard infettiv, ta` persuni mhux f`sensihom, addetti ghall-alkohol jew ghad-drogi jew vagabondi ;

"(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta` persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorità fil-pajjiz jew ta`persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad-deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni.

"(2) Kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih, f`lingwa li jifhem, dwar ir-ragunijiet tal-arrest tieghu u dwar kull akkuza kontra tieghu.

"(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta` dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b`ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista` jkun taht kundizzjoni ta` garanziji biex jidher ghall-proceduri.

"(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tieghu b`arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jaghmel proceduri biex il-legalità tad-detenzjoni tieghu tigi

> deciza malajr minn qorti u l-libertà tieghu tigiordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-ligi.
>
> "(5) Kull min ikun vittma ta` arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli ghal kumpens."

"Dwar 5 tal-Konvenzjoni, l-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb "**Law of the European Convention on Human Rights**" ighidu hekk :-

> ""*the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion'. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognised European standards. Article 5 also safeguards the individual against the illegal deprivation of liberty contrary to Article 5 by requiring that a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation if it is not lawful.*"

"Fil-kaz ta` "**Neumeister vs Austria"** (Applik. Nru. 1936/63) inghad mill-ECHR illi l-garanzija li l-Qorti tordna bhala kundizzjoni biex jinghata l-helsien mill-arrest m`ghandhiex isservi bhala ghamla ta` kumpens ghad-dannu mwettaq bir-reat.

"Inghad illi l-ammont tal-garanzija ghandu jkun ragonevoli, fis-sens li ghandu jservi sewwa – imma mhux aktar milli mehtieg – biex jizgura li l-persuna mixlija ma tonqosx milli tidher ghall-kawza taghha u ma tithajjarx tghib jew tahrab. Ghalhekk fejn l-ammont tal-garanzija jisboq dan l-ghan, jaf ikun hemm tal-ksur tal-Konvenzjoni.

"Din il-Qorti temmen li ghandu jkun hemm deterrent tajjeb li jassikura li l-akkuzat ihares il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Meta jkun sar depozitu, ma jkunx difficli li jissarraf in-nuqqas ippruvat tal-akkuzat. Fil-kaz ta` l-garanzija personali, is-sitwazzjoni hija diversa. Jekk l-akkuzat ma jkollux il-mezzi, jista` jkun tentat illi ma josservax il-kundizzjonijiet imposti. Hemm imbaghad it-telf tal-helsien mill-arrest li hija sanzjoni iebsa fiha nnfisha. Meta ssir analizi tal-kwistjoni fl-assjem taghha, johrog car illi s-soluzzjoni hija kif u fejn se jinholoq bilanc li finalment jirrisolvi ruhu fi proporzjonalita`.

"Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta` Marzu 2011 fil-kawza "**John Grima vs Avukat Generali et**".

"Din il-Qorti sejra tirreferi ghal bran minn dik is-sentenza :-

> ""L-Artikolu 579(1) jiddisponi, fil-qosor, li jekk l-imputat jew l-akkuzat jonqos li josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, "is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta` Malta"

> "... …
>
> "Ghalkemm il-proviso ghall-Artikolu 579(1) jghid li t-telfien tal-garanzija ma joperax jekk il-ksur tal-kundizzjoni imposta "ma hiex ta` konsegwenza serja" ma tipprovdix lill-Qorti b`diskrezzjoni li timitiga l-ammont ta` telf skont ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista` jkollu "konsegwenza serja" il-Qorti m`ghandhiex diskrezzjoni "to fit the punishment to the offence", izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija kollha, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat. Kien fil-fatt dan in-nuqqas ta` proporzjon li waslet lill-Qorti Ewropeja tqis dan l-artikolu drakonjan fil-kaz ta` **Lawrence Gatt v. Malta** deciza fis-27 ta` Lulju 2010, fejn ma qablitx ma` sentenza li tat din il-Qorti fit-12 ta` Frar 2008, li f`cirkostanzi li jixbhu dawk ta` din il-kawza, kienet sabet xejn hazin fil-konverzjoni kif giet applikata f`dak il-kaz.
>
> "Biex jigu indirizzati l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta` Strasbourg, din il-Qorti thoss li f`kaz ta` ksur ta` xi kundizzjoni imposta, il-Qorti Kriminali ghandha tinghata diskrezzjoni li tapplika l-Artikolu 579(1) in toto jew in parte skont il-gravita` tal-kaz. Hemm diversi gradi ta` serjeta` li jista` jirrizulta wara ksur ta` kundizzjoni, u l-Qorti trid tkun fi grad li tqis dawn ic-cirkostanzi u tordna skont is-serjeta` tal-kaz, jekk il-garanzija ghandhiex tghaddi favur il-Gvern ta` Malta in parte jew fl-interezza taghha. F`kaz bhal dan, fejn giet imposta garanzija personali ta` €23,293.73, meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta` Malta. B`dan il-mod, il-Qorti tkun tista` tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta` Lawrence Gatt imsemmi, u dan konformament ma` dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta` proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi. Kif inhi l-ligi taghna llum la hemm \`ceiling\` ta` kemm wiehed jista` jehel prigunerija, u lanqas hemm mod kif tigi assessjata l-proporzjonalita`."

"Il-Qorti rat is-sentenza citata ta` **<u>Gatt vs Malta</u>** (Applik. Nru. 28221/08) fejn l-ECHR issottolineat li trid ssir distinzjoni cara bejn kundizzjonijiet principali ghall-helsien mill-arrest u kundizzjonijiet ancillari:

> *"… it requires in addition that any deprivation of liberty should be consistent with the purpose of Article 5, namely to protect individuals from arbitrariness.*
>
> *"… The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, or conditions related to other considerations. It however, gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case where the condition breached, referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail,*

> *the Court has difficulty in understanding the authorities` decision to apply the relevant article.* ***In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results."*** (enfasi ta` din il-Qorti)

"Din il-Qorti qieset provvedimenti li nghataw mill-Qrati taghna, li jirreferi ghalihom ir-rikorrent, fejn kienu kkonfermati dawn l-insenjamenti. Fil-kawza "**Il-Pulizija vs Godfrey Gambin et**" inghata digriet fis-27 ta` Jannar 2012 dwar ksur tal-kundizzjoni ta` r-rinkazar u kienet revokata *contrario imperio* l-konfiska tal-garanzija personali u tad-depozitu, billi r-revoka tal-helsien mill-arrest kienet l-konsegwenza l-aktar idoneja ghal dak il-ksur. Fil-kawza "**Il-Pulizija vs Massimo Caruso**" deciza fil-15 ta` Dicembru 2010 kien irrizulta ksur ta` tlett digrieti ghall-helsien mill-arrest. Il-Qorti rrevokat il-helsien mill-arrest fit-tlett istanzi filwaqt li ordnat il-konfiska tal-flejjes favur il-Gvern fil-konfront ta` digriet wiehed biss. Similment fil-kawzi "**Il-Pulizija vs Carlos Falzon**" (27 ta` Mejju 2011) "**Il-Pulizija vs Joseph Brincat**" (2 ta` Gunju 2011) u "**Il-Pulizija vs Giuseppe Puglisi" (**11 ta` Gunju 2010), ma kienx hemm ordni ta` konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali. "**Il-Pulizija vs Lorraine Vella**" (27 ta` Settembru 2007) kienet kaz fejn l-akkuzata kisret kondizzjoni dwar il-helsien mill-arrest ghaliex damet xahar ma tiffirmax l-Ghassa. Il-Qorti nfliggiet multa ta` Lm 100, izda la ordnat l-arrest mill-gdid u lanqas it-telf tal-plegg.

"Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, ir-rikorrent isostni li l-Qorti Kriminali waslet ghall-konkluzjoni illi l-fatt li ma ffirmax l-Ghassa kien ksur serjissmu ghax fehmet li l-obbligu tieghu kien illi jiffirma kuljum. Din il-Qorti diga` esprimiet ruhha kjarament aktar kmieni illi dan tar-rikorrent huwa nsinwazzjoni nfondata. Il-Qorti Kriminali kellha quddiemha l-fatti kollha nkluzi d-digriet li bih ir-rikorrent kellu jiffirma darbtejn fil-gimgha. Inoltre mill-*iter* processwali jidher illi saru numru gmielu ta` rikorsi fejn it-talba kienet sostanzjalment l-istess u cioe` il-bdil tad-digriet tas-16 ta` Lulju 2012. Minkejja din l-insistenza da parti tar-rikorrent, li timmanifesta resistenza ghall-provvedimenti tal-qorti, il-Qorti Kriminali baqghet tqis dak il-ksur bhala serju bil-konsegwenza li ordnat l-arrest tar-rikorrent, il-konfiza tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija personali.

"Fil-fehma ta` din il-Qorti, dak li ghandu jigi investigat huwa jekk tassew il-kondizzjoni tal-iffirmar kinitx kundizzjoni ancillari biss u mhux kundizzjoni tant serja li tirrendi legittimu l-konfiza tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija. Taghmel riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "**Il-Pulizija vs Fabio Psaila**" (27 ta` Settembru 2012). Hemm inghad mill-appellant illi l-intenzjoni tal-legislatur kienet li johloq gradwatorja ta` importanza ta` meta jista` jinghata l-beneficcju tal-liberta` provvizorja. Ladarba kien hekk l-appellant sostna li nuqqas ta` attendenza tal-akkuzat ghal udjenza meta jkun bil-liberta` provvizorja kellha titqies bhala l-oghla forma ta` ksur tad-digriet tal-liberta` provvizorja. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta

sahqet li : "*ksur ta` kull obbligazzjoni ossija kundizzjoni imposta fuq imputat meta jinghata l-liberta` provvisorja hi per se ta` natura gravi*". Tqeghdu quddiem il-Qorti tat-Tieni Istanza numru ta` kwesiti fosthom :-

"Jista` qatt jinghad li nuqqas ta` iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat ma jidhirx ghall-ordni ta` l-awtorita` ?

"Jista` qatt jinghad li nuqqas ta` iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat imqar jittanta javvicina x-xhieda tal-prosekuzzjoni ?

"Jista` qatt jinghad li nuqqas ta` iffirmar tal-*bail book* huwa gravi daqs meta imputat jahrab minn Malta ?

"L-appellant sahaq ukoll li huwa l-Art 575 tal-Kap 9 li johloq il-gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni proprju ghaliex hija din id-disposizzjoni li tghid x`ghandu jsir mill-Qorti meta tigi biex tqis jekk imputat ghandux jinghata l-liberta` provizorja jew le. Di piu` l-istess artikolu tal-ligi holoq delitt de quo cioe` l-Art 579 fis-sub-inciz (1) tieghu jerga` ghal darba ohra jaghmel riferenza ghal gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni, billi jelenka l-ewwel "*jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni ta` l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija*" imbaghad ighaddi jghid : "*jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta millqorti fid-digriet*…"

"L-appellant kompla jinseg l-argument tieghu ghar-rigward tal-gradwatorja tas-serjeta` tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja anke a bazi tal-fatt li l-ligi fis-sapjenza taghha holqot gradwatorja ta` pieni applikabbli ghal meta persuna tinsab hatja tad-delitt ravvista fl-Art 579(2) tal-Kodici Kriminali. Kieku kull ksur ta` kull obbligazzjoni ossija kundizzjoni imposta fuq imputat meta jinghata l-liberta` provvisorja hi per se ta` natura gravi allra l-legislatur ma kienx johloq piena fil-minimu u massimu izda kien johloq biss piena wahda li tkun tassattiva, tkun xi tkun il-vjolazzjoni a bazi tal-principju : *ubi lex dvoluit dixit*.

"Fil-pronunzjament taghha, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali ghamlitha cara li l-aggravju mressqa jikkonsisti mill-fatt li l-Ewwel Qorti kellha timponi piena aktar mita ghax l-ksur tieghu li ma jiffirmax l-Ghassa tal-Hamrun darba fil-gimgha ma kienx wiehed daqshekk serju. Fissret hekk :-

> ""Skont il-kawza Lawrance Gatt vs Malta deciza mill-"European Court of Human Rights" dawn l-obbligi ta` ksur kienu sekondarji, l-importanti kien illi l-akkuzat ikun jidher il-Qorti u dan fil-fatt Fabio Psaila dejjem ghamlu … Il-Qorti mhijiex qieghda tiddubita mill-insenjament tasSentenza fuq imsemmija. Dana pero` l-kundizzjonijiet tal-liberta provizorji mhumiex moghtija ghalxejn u kollha jservu ghall-ghan wiehed biex jassiguraw illi dak li jkun jidher il-Qorti kull meta jigi mitlub jaghmel dan. Peress illi l-appellant huwa akkuzat taht il-Ligi Kriminali jkun hemm il-htiega illi jigi notifikat bid-deferimenti tal-kawza u ghalhekk jigu mposti fuqu kundizzjonijiet ta` l-iffirmar biex il-pulizija ma jkolliex diffikulta tinnotifikah. L-appellant kiser wahda minn dawn il-kundizzjonijiet, jekk biddilx l-indirizz tieghu jew le l-Qorti ma tafx peress illi dan ma rrizultax

imma rrizulta bhala fatt illi l-appellant ma ffirmax l-ghassa tal-Hamrun kif kien obligat jaghmel u ghal kwazi xahar shih baqa` mfittex mill-pulizija minghajr lanqas ma ndenja ruhu jghidilhom fejn kien. Il-fatt illi fis-26 ta` Dicdmbru, 2010 ta ruhu b`idejh lill-pulizija m`ghandiex titqies illi ghamel xi bravura jew ghamel xi koncessjoni lill-pulizija billi ffrankalhom il-hin sabiex joqghodu jfittxuh. Kien l-appellant illi ma qaghadx ghall-obligazzjonijiet imposti fuqu u quindi kien l-appellant illi kellu jara kif jimmitiga l-konsegwenzi ta` dan in-nuqqas tieghu."

"Meta l-Qorti tqis il-fatti kollha ta` dan il-kaz tara li l-kundizzjoni tal-iffirmar li giet vjolata kienet kundizzjoni importanti u mhux ta` natura daqstant ancillari. Irrizulta nfatti li kien hemm zmien ta` xahrejn u xi gimghat fejn ir-rikorrent ma marx jiffirma hekk kif kien obbligat li jaghmel. Kien biss meta gie nvestigat dwar akkuzi li kien ittenta jikkorrompi x-xhieda tal-prosekuzzjoni li wara investigazzjonijiet mill-pulizija Bajada nstab u kien rinfaccjat b` rikors ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghall-konfiska tal-garanzija personali u tad-depozitu. Fl-istess waqt, din il-Qorti tqis ukoll li tali kundizzjoni ma kinitx daqshekk gravi u serja bhal fil-kaz li kieku giet vvjolata l-kundizzjoni li imputat/akkuzat jahrab minn Malta jew jonqos li jattendi ghal xi seduta l-Qorti. Din il-Qorti trid tkun cara illi ma tridx tinftiehem li l-kundizzjonijiet hekk impost fid-digrieti li jawtorizzaw il-liberta` provizzorja ghandhom jittiehdu leggerment u ma jigux osservati, izda fl-istess hin, hija taqbel li tezisti il-gradwatorja ta` serjeta` tal-vjolazzjoni tad-digriet tal-liberta` provvizorja.

"Tenut kont tal-assjem fil-kaz tal-lum, partikolarment tal-kondizzjoni de qua, il-Qorti tqis illi r-revoka tal-helsien mill-arrest, il-konfiza tad-depozitu ta` €5,000 u l-hlas tal-garanzija personali ta` €30,000 kollha flimkien wassal ghal rizultat disproporzjonat. Din il-Qorti tghid illi ghandu jkun hemm proporzjonalita` bejn is-severita` tal-ksur ta` l-kundizzjoni u s-severita` tal-piena komminata. Fil-kaz tal-lum ma rrizultatx din il-proporzjonalita`. Huwa minnu li l-kundizzjonijiet impost mill-Qorti qeghdin hemm sabiex jigu rispettati izda dan ma jfissirx li jekk ikun hemm ksur ta` kundizzjoni partikolari, il-konsegwenzi tal-ksur ghandhom bilfors ikunu daqs li kieku l-ksur kellu konsegwenzi ferm aktar serji.

"Ir-rikorrent ighid ukoll illi l-ammont stabbilit bhala garanzija personali kien arbitrajru.

"Tajjeb jinghad li ebda Qorti m`ghandha xi *guideline* legali li jghid kemm ghandha tkun stabbilita l-garanzija. Ir-rikorrent jallega li gudikant jista` jkollu kriterji soggettivi tieghu, u dan igib arbitrarjeta`, peress li sabiex ma tkunx arbitrarja, jehtieg li tohrog mil-ligi.

"Din il-Qorti tirrespingi dan l-argument u ma tqisux bhala li jsostni lir-rikorrent fit-talba tieghu.

"Fit-talbiet li ressaq ir-rikorrent ma kkontestax il-validita` tad-digriet tat-13 ta` Frar 2009 fejn kienu stabbiliti l-kondizzjonijiet sabiex ir-rikorrent

inghata l-liberta` provvizorja. L-istanza tar-rikorrent kienet iccentrata fuq id-digriet tas-16 ta` Lulju 2012 u dawk ta` wara fejn il-Qorti Kriminali baqghet tichad it-talba tieghu ghar-rilaxx tad-depozitu u tal-garanzija personali kkonfiskati. Ghalhekk l-argument imur barra ghal kollox mill-parametri tat-talbiet u ghalhekk mhux se jinghata konsiderazzjoni.

"Fi kwalunkwe u in linea ta` dritt il-Qorti m`ghandhiex is-setgha li tindahal fi kwistjonijiet jew materji li r-rieda espressa tal-ligi halliet ghal qrati ohra. Din il-Qorti m`ghandhiex tintrometti ruhha fl-operat ta` qrati ohra sakemm ma jkunx deher "eccess manifest fl-applikazzjoni" taghha ta` dawk il-principji jew kriterji kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kif inghad minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-sentenza li tat fit-22 ta` Lulju 2010 fil-kawza "**Maximilian Ciantar vs Avukat Generali**" :-

> *""B`mod partikolari, ir-ragonevolezza tal-ammont tal-garanzija li jkun determinat minn dik il-Qorti li tkun tat l-ordni ghall-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet fih stipulati m`ghandhiex bhala regola tigi mistharrga u sindakata minn Qorti ta` kompetenza civili jew "kostituzzjonali". "Tista` eccezzjonalment tkun minnha sindakabbli jekk jirrizulta li l-quantum hu manifestament irragonevoli u irraggungibbli b`mod li d-dritt tal-akkuzat li jitlob il-helsien provizorju jkun gie ghal kollox newtralizzat fil-prattika, jekk mhux fit-tejorija" (Vide App. Kost.* ***31.7.1998*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Gauci vs Avukat Generali*** *(Kollez. Vol:* ***LXXXII.i.140****)*

**"Il-Qorti qeghda tilqa` t-tieni talba limitatament billi ssib vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalita` mhux tal-arbitrarjeta`.**

**"Qeghda tilqa` wkoll it-tielet talba.**

**"VI. Ir-raba` talba**

"Ir-raba` talba hija konsegwenzjali ghat-tieni u ghat-tielet talbiet. Bhala rimedju ghall-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali tieghu, ir-rikorrent qieghed jitlob *ir-rilaxx tas-somom depozitati in toto jew in parte.*

"Dwar il-kumpens, il-Qorti trid taghti rimedju xieraq u adegwat. Fl-istess waqt ma hemm l-ebda limitazzjoni tax-xorta ta` r-rimedju. Kollox huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Huwa evidenti mill-impostazzjoni tar-raba` talba illi dak li jixtieq ir-rikorrent huwa li jiehu lura kemm id-depozitu kif ukoll il-garanzija personali. Fl-istess waqt pero` ihalli tieqa mbexxqa fis-sens illi qed ihalli lill-Qorti li tistabilixxi ghandux jiehu lura kollox jew parti mill-flus li hallas.

"Fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet aktar kmieni, il-Qorti mhijiex tal-fehma li r-rikorrent ghandu jiehu l-flus kollha lura. Irrizulta li r-rikorrent naqas b`mod evidenti fl-obbligu tal-iffirmar mhux ghal xi jumejn jew tnejn izda ghal numru ta` gimghat. Ghan-nuqqas tieghu hallas prezz inkluza karcerazzjoni ghaliex ma hallasx fil-pront il-garanzija personali. Billi l-Qorti sabet sproporzjon bi ksur tal-Konvenzjoni, jidhrilha li r-rikorrent m`ghandux jiehu lura l-ammonti versati sabiex jibqa` car u inekwivoku l-principju li l-ksur tal-kondizzjoni

jibqa` ksur u r-rikorrent bhala l-persuna li kiser il-kondizzjoni minghajr raguni plawsibbli ma jistax jiehu vantagg min-nuqqas tieghu.

"Il-Qorti qieset l-argument li gabu l-intimati illi m`ghandux jitwarrab l-iskop tad-disposizzjonijiet dwar il-jeddijiet fondamentali li huwa li jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta` vjolazzjoni ta` dawn l-is*tandards* huwa r-rimedju ewlieni. Hija konsapevoli li fis-sentenzi li kienu ndikati fin-nota ta` osservazzjonijiet tal-intimati u cioe` "**Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo et" u** "**Major Peter Manduca vs L-Onorevoli Prim Ministru**" inghad li hemm kazi fejn il-Qorti dehrilha li kien sufficjenti ghar-rikorrenti li jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tieghu kienu lezi tassew minghajr ma kien likwidat kumpens materjali.

"Tenut kont tal-fattispeci partikolari ta` dan il-kaz, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li dikjarazzjoni li kien hemm vjolazzjoni tkun bizzejjed bhala *just satisfaction* ghar-rikorrent. Riskontrata l-vjolazzjoni, il-Qorti sejra tillikwida favur ir-rikorrent ghall-istess vjolazzjoni kumpens fl-ammont ta` elfejn u hames mitt Ewro (€2,500)."

## L-Appelli

9. Ir-rikorrent pprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 19 ta' Ottubru 2016, fejn talab illi din il-Qorti tvarja r-raba' kap. tas-sentenza appellata fejn gie likwidat kumpens fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500), billi tawmenta l-imsemmi ammont, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

10. L-aggravju tieghu huwa limitat ghall-*quantum* tal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti. Ir-rikorrent jilmenta illi s-somma likwidata in linea ta' kumpens ghan-nuqqas ta' proporzjonalita` u l-konsegwenti lezjoni tal-Artikolu 5, ma tirriflettix u ma ssegwix mill-kunsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u hija baxxa wisq. Ghalhekk qed jitlob li jinghata kumpens f'ammont oghla minn dak likwidat mill-ewwel Qorti.

11. Ghal dan l-appell l-intimati pprezentaw risposta fl-1 ta' Novembru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm imfissra, sostnew li l-appell tar-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud stante li ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fondamentali u, ghalhekk ma hemm ebda lok ghal kumpens.

12. B'rikors tad-19 ta' Ottubru 2016, l-intimati pprezentaw appell ibbazat fuq is-segwenti aggravji:- (i) l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet nuqqas ta' proporzjonalita` fid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Lulju 2012 u dan, stante illi kwistjonijiet ta' revoka ta' helsien mill-arrest u l-piena konsegwenzjali huma fil-mansjoni esklussiva tal-qrati ta' kompetenza kriminali; (ii) il-fatti ta' dan il-kaz ma jiggustifikawx sejbien ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni: ir-rikorrent stess naqas milli josserva l-obbligazzjonijiet imposti fuqu biex jinheles mill-arrest tieghu li *del resto*, twettaq fuq suspett ragjonevoli li kien kkometta reat serju hafna b'piena massima ta' ghomor il-habs; (iii) l-ewwel Qorti ma messitx tat kumpens fl-ammont likwidat stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent; u (iv) minhabba r-ragunijiet premessi, l-intimati ma ghandhomx jigu ordnati li jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

13. Abbazi tal-aggravji taghhom, l-intimati talbu li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata limitatament (i) fit-tieni parti tad-decide limitatament f'dik il-parti tat-tieni talba fejn l-ewwel Qort sabet li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita` fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 moghti

mill-Qorti Kriminali u, (ii) fit-tielet sal-hames parti tad-decide, filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament, inkwantu cahdet l-ewwel talba tar-rikorrent u cahdet parti tat-tieni talba tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess rikorrent.

14. Ir-rikorrent ipprezenta risposta ghall-appell tal-intimati fil-11 ta' April 2017 fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati, talab li l-appell tal-intimati jigi michud.

**L-Appelli**

15. Jigi osservat qabel xejn illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar l-ewwel talba tar-rikorrent ma tifformax il-mertu tal-appelli interposti, filwaqt li r-rikorrent illimita l-appell tieghu ghall-kwistjoni tal-quantum tal-kumpens likwidat abbazi tar-raba' talba tieghu. Jidher ghalhekk li jkun opportun illi l-ewwel jigi kkunsidrat u deciz l-appell tal-intimati stante illi huma jikkontestaw is-sentenza appellata inkwantu ghad-decizjoni dwar it-tieni talba, fil-parti fejn l-ewwel Qorti sabet nuqqas ta' proporzjonalita`, u dwar it-tielet talba tar-rikorrent fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju tal-Intimati*

16. Fl-ewwel lok, l-intimati jilmentaw illi l-ewwel Qorti ma messha qatt sabet li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita` fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 moghti mill-Qorti Kriminali. Skont l-intimati, kwistjonijiet ta' revoka tal-helsien mill-arrest a bazi ta' ksur ta' kundizzjonijiet imposti mill-qrati ta' kompetenza kriminali u l-piena konsegwenzjali ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, huma fil-mansjoni esklussiva ta' dawk il-qrati. L-intimati jsostnu wkoll li l-ammont ta' garanzija li l-awtorita` gudizzjarja kompetenti thoss li jkun mehtieg biex jigi assigurat li l-imputat jidher quddiem il-Qorti ghall-process, hija haga li taqa' esklussivament fid-diskrezzjoni ta' dik l-awtorita` gudizzjarja ta' kompetenza kriminali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. Qabel xejn, ghandu jigi puntwalizzat illi mill-atti processwali ma jirrizultax li l-ilment tar-rikorrent f'dawn il-proceduri qatt kien indirizzat biex jattakka l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tas-17 ta' Frar 2009, kif sussegwentement varjat, ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Infatti, ma jidhirx li r-rikorrent, b'dawn il-proceduri, qed jilmenta mill-kondizzjonijiet fuqu imposti meta nghata l-liberta` provvizorja. Il-mertu tar-rikors tieghu, jittratta unikament id-digriet moghti fis-16 ta' Lulju 2012 mill-Qorti Kriminali li, wara li kkonstatat ksur ta' wahda mill-obbligazzjonijiet imposti fuq l-istess rikorrent bid-digriet tas-17 ta' Frar 2009 kif sussegwentement emendat, irrevokat il-helsien mill-arrest tieghu oltre li

ordnat il-konfiska tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija personali, u xejn iktar. Id-digriet tas-17 ta' Frar 2009 u d-digrieti sussegwenti l-ohra tal-Qorti tal-Magistrati qatt ma kienu l-meritu ta' dawn il-proceduri in prim'istanza u l-ewwel Qorti ma pprovdiet b'ebda mod dwarhom.

18. Rigward is-sottomissjoni tal-intimati li kwistjonijiet ta' revoka ta' helsien mill-arrest abbazi ta' ksur tal-kundizzjonijiet imposti mill-qrati u l-mizura konsegwenzjali a tenur tal-Artikolu 579, ma jistghux jigu sindikati minn din il-Qorti stante li huma mansjoni esklussiva tal-qrati ta' kompetenza kriminali, din il-Qorti tosserva illi dan l-aggravju wkoll huwa manifestament infondat. Huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, kif ukoll fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, illi kull mizura li twassal ghall-privazzjoni tal-liberta` tal-individwu, hija soggetta ghal skrutinju mill-qrati muniti b'kompetenza kostituzzjonali, taht il-lenti tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta[5]. Inkluz, fost dawn il-mizuri, huwa kull ordni li tistabbilixxi kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest[6], kif ukoll kull ordni li tirrevoka dak il-helsien mill-arrest ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici fuq citat[7], minhabba ksur ta' xi wiehed mill-kundizzjonijiet hekk imposti.

---

[5] F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma allegax ksur tad-drittijiet tieghu protetti mill-Kostituzzjoni.

[6] Skrutinju taht l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni. Skont din il-Qorti fis-sentenza **The Police v. Austin Eze**, deciza 25 ta' Ottubru 2013:- "*[34.4] There must be a proportion of reasonableness between the amount to be deposited by applicant for his release on bail, and his financial circumstances. <u>The level of bail set out should not be set out too high,</u> and should not be aimed at reparation of loss, but to ensure the presence of the accused*".

[7] Skrutinju taht l-Artikolu 5(1)(b).

19. Din il-Qorti filwaqt li taqbel ma' l-intimati li hija l-mansjoni esklussiva tal-qrati ta' kompetenza kriminali li jiddeterminaw kwistjonijiet dwar, *inter alia*, revoka ta' helsien mill-arrest u l-piena konsegwenzjali, tqis ukoll illi din il-mansjoni ghandha tigi mwettqa dejjem bi tharis tar-rekwiziti tal-Artikolu 5(1)(b) fosthom ir-rekwizit tal-proporzjonalita` u kwindi taht l-ottika tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni. Ghaldaqstant, huwa evidenti li l-ewwel Qorti mhux talli kienet pjenament gustifikata li tinvestiga l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita` fl-effetti tad-digriet tal-Qorti Kriminali, izda talli kienet qed twettaq mansjoni lilha fdata appuntu mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ghat-tharis tad-drittijiet protetti mill-istess Konvenzjoni.

20. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju tal-Intimati*

21. Permezz ta' dan l-aggravju l-intimati jilmentaw illi l-fatti ta' dan il-kaz ma jiggustifikawx sejbien ta' ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu, fil-parti relevanti tieghu, jaqra hekk:

> "(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` u ghas-sigurta` tal-persuna.
>
> "Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skond il-procedura preskritta bil-ligi:-
>
> "... ... …

> "(b) l-arrest jew id-detenzjoni skond il-ligi ta' persuna ghal nuqqas ta' tharis ta' ordni skond il-ligi ta' qorti jew sabiex jigi zgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-ligi;"

22. Skont l-intimati, ma hemmx ksur tal-Artikolu 5 ghaliex ma tirrizulta ebda prova konkreta li f'dan il-kaz id-detenzjoni tar-rikorrent kienet kontra l-ligi, anzi jsostnu li c-cirkostanzi tal-kaz odjern jinkwadraw tajjeb fl-ambitu tar-restrizzjonijiet ghad-dritt tal-liberta`[8] u ghar-regola generali ghall-harsien mill-arrest u detenzjoni arbitrarja tal-liberta` tal-individwu. L-intimati jissottomettu li ma hemm xejn vjolattiv tad-dritt fondamentali sancit taht l-Artikolu 5 fid-digriet tal-Qorti Kriminali li ordna r-riarrest tar-rikorrent, il-konfiska tad-depozitu kif ukoll il-hlas tal-garanzija personali ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1), ghaliex kien ir-rikorrent innifsu li ghazel li jikser wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien tieghu mill-arrest u din kienet il-konsegwenza legali prevista mill-imsemmija disposizzjoni legali.

23. L-intimati jghidu wkoll li, galadarba l-qorti kompetenti dehrilha, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tar-rikorrent inkluz il-gravita` tar-reat li gie mixli bih, li kellha tiffissa d-depozitu u l-garanzija personali fis-somma komplessiva ta' €35,000 biex tassigura t-twettiq tal-obbligu tar-rikorrent li jidher ghall-process, l-ordni ghall-hlas tal-ammont kollu li r-rikorrent ntrabat ghalih f'kaz ta' ksur ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ma tistax titqies li hija kontra l-ligi ghaliex hija

[8] L-intimati jaghmlu referenza tacita f'dan ir-rigward ghas-subinciz (1)(c) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

konformi mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici kriminali, liema artikolu jipprovdi hekk:

> “Jekk l-imputat jonqos li jidher ghall-ordni ta’ l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta …. is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta u barra minn dan jigi mahrug mandat ta’ arrest kontra tieghu;
>
> “Izda din id-dispozizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma li l-ksur tal-kundizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta’ konsegwenza serja.”

24. Din il-Qorti ma tistax taccetta dan ir-ragunament tal-intimati, u lanqas din l-interpretazzjoni mill-iktar maghluqa tad-dispozizzjoni fuq citata li giet imwarrba konsistentement fil-gurisprudenza iktar recenti tal-qrati ta’ kompetenza kriminali.

25. Kif inhu risaput, din l-interpretazzjoni ristrettiva tal-Artikolu 579(1) fuq citat ma sabitx sostenn mill-Qorti Ewropea fil-konsiderazzjonijiet u d-decizjoni taghha dwar l-istess kaz[9]. L-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea fis-sentenza **Lawrence Gatt v. Malta**, li gew citati estensivament mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, gew sussegwentement imhaddna minn din il-Qorti fil-kaz ta’ **John Grima v. L-Avukat Generali et** [10] fejn gie rikonoxxut illi l-applikazzjoni rigida tal-Artikolu 579(1) tista’ twassal ghal nuqqas ta’ osservanza tal-principju ta’ proporzjonalita` minhabba illi l-istess dispozizzjoni:

---

[9] **Lawrence Gatt v. Malta**, Q.E.D.B. deciza

[10] Deciza 16 ta’ Marzu 2011.

"… ma tipprovdix lill-Qorti b'diskrezzjoni li timmitiga l-ammont ta' telf skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Diment li l-kaz jista' jkollu 'konsegwenza serja' il-Qorti ma ghandhiex id-diskrezzjoni *'to fit the punishment to the offence'*, izda trid tordna l-konfiska tal-garanzija kollha, anke jekk dan iwassal ghal rizultat sproporzjonat."

26. Il-kejl ta' proporzjonalita` kien appuntu dak li nstab li kien nieqes fl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) ghall-fattispecje tal-kaz ta' Lawrence Gatt, ta' John Grima kif ukoll tar-rikorrent f'dan il-kaz kif konstatat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

27. Rigward l-ewwel parti tal-Artikolu 5(1)(b), cioe` r-rekwizit li l-arrest jew id-detenzjoni jkun mehtieg ghat-tharis ta' ordni gudizzjara, jinghad hekk:-

*"The domestic authorities must strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty. Factors to be taken into consideration include the purpose of the order, the feasibility of compliance with the order, and the duration of the detention. The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things (**Gatt v. Malta**, § 40).[11]"*

28. L-awtrici Karen Reid, fil-ktieb ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights***[12] tikkummenta hekk dwar l-importanza li jintlahaq ir-rekwizit fondamentali tal-proporzjonalita` f'kazijiet li jinkwadraw fit-tieni binarju tal-Artikolu 5(1)(b):

*"This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law per*

[11] *Ibid*. para. 55 *et seq*.- sottolinear ta' din il-Qorti
[12] 2nd ed. Sweet & Maxwell (London) 2004.

> *se, although it must be sufficiently specific and concrete … The aim of the detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish … Relying on McVeigh, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor.”*

29. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-applikazzjoni stretta tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) u tal-proviso tieghu, <u>fil-kaz tar-rikorrent</u>, ma jwassalx ghal dik il-proporzjonalita` mehtiega biex mizura li tippriva l-liberta` tal-individwu tkun wahda legittima ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Kif tajjeb irravvizat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat l-insenjament tas-sentenzi fuq citati, ghandu jkun hemm gradwatorjeta` fis-serjeta` ossia gravita` tad-diversi kundizzjonijiet li jkunu imposti fl-ordni fejn jinghata l-helsien mill-arrest, stante illi mhux kull kundizzjoni timmerita l-konsegwenza estrema prevista mill-Artikolu 579(1). Din il-Qorti zzid illi l-htiega li l-gudikant, fil-kaz ta’ ksur ta’ kundizzjoni ta’ *bail*, ikollu diskrezzjoni li jiggradwa l-gravita` tal-ksur tal-kundizzjoni fil-mizura konsegwenzjali li ghandha tigi imposta minghajr ma jkun marbut necessarjament li japplika l-konsegwenza kontemplata fil-proviso tal-istess Artikolu, hija essenzjali sabiex jintlahqu l-ghanijiet tal-Konvenzjoni. B’hekk jista’ jigi evitat f’kull kaz in-nuqqas ta’ proporzjonalita`, kif fuq imfisser, bejn id-dritt tal-individwu ghall-liberta` u n-necessita` li jigi assigurat it-tharis ta’ ordnijiet gudizzjarji u t-twettieq immedjat ta’ obbligi legali.

30. Huwa f'dan is-sens li jidher li l-ewwel Qorti ddecidiet li tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u ddikjarat li hemm ksur tal-Artikolu 5. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma esprimietx ruhha specifikatament, wiehed jifhem li l-ksur li kkonstatat fl-ordni kontenuta fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 jikkonfigura f'vjolazzjoni tad-dettami ta' proporzjonalita` inerenti fl-Artikolu 5(1)(b).

31. F'dan il-kaz partikolari tar-rikorrent, l-ordni moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Lulju 2012 ghandha tigi mistharrga fil-qafas tal-effetti taghha jigifieri, f'kaz ta' nuqqas ta' hlas immedjat tal-garanzija personali l-effett ikun id-detenzjoni tar-rikorrent sakemm isir il-hlas kollu.

32. Bl-applikazzjoni tad-diskrezzjoni fl-identifikazzjoni tal-grad tal-gravita` tal-obbligu tar-rikorrent li jirrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija darbtejn fil-gimgha ghal perjodu in eccess ta' xaharejn, l-ewwel Qorti qieset korrettement illi dan ghandu jitqies bhala obbligu serju u ksur daqstant serju. Filwaqt li l-ksur ta' dan l-obbligu ma jistax jigi meqjus li huwa daqshekk gravi bhal fil-kaz li kieku giet miksura l-kundizzjoni li l-imputat jattendi ghall-udjenzi tal-qorti fil-process kontrih, jew li ma jahrabx minn Malta, din il-Qorti tqis li din kienet kundizzjoni importanti ghaliex tassigura li l-imputat jista' jigi notifikat minghajr diffikulta` bid-differiment fil-process kriminali ghaddej fil-konfront tieghu, kif ukoll sabiex, sa certu grad, tibqa' assigurata l-prezenza tar-rikorrent f'Malta.

33. Madanakollu, wara li rat li n-nuqqas ta' adempiment ta' din il-kondizzjoni biss wasslet ghar-revoka tal-helsien mill-arrest kif ukoll ghall-konfiska tad-depozitu u l-hlas tal-garanzija personali f'ammont totali ta' €35,000, kollha f'daqqa, din il-Qorti taqbel illi l-effett komplessiv tal-ordni tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Lulju 2012, fejn ma giex mitigat it-telf lir-rikorrent, iwassal ghall-isproporzjonalita` ravvizata mill-ewwel Qorti u konfermata minn din il-Qorti. Fi kliem iehor, l-applikazzjoni[13] mill-Qorti Kriminali tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(1) ghall-kaz partikolari tar-rikorrent, minghajr qies ghall-principju ta' proporzjonalita`, ghalkemm l-ordni kienet konformi mad-dicitura tal-ligi fl-Artikolu 579(1), tirrendi d-detenzjoni tar-rikorrent nieqsa mill-element ta' proporzjonalita` rikjest mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

34. Ghalhekk it-tieni aggravju tal-intimati ma huwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju tal-Intimati u l-Aggravju tar-Rikorrent*

35. Dawn iz-zewg aggravji huma konnessi u ghalhekk ser jigu mistharrga flimkien. Essenzjalment, l-intimati jsostnu li l-ewwel Qorti ma messitx tat kumpens fis-somma ta' €2,500 lir-rikorrent u fi kwalsiasi kaz, dikjarazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 5 fil-kaz tar-rikorrent, ghandha tkun sufficjenti fiha nnifisha in linea ta' *just satisfaction*.

[13] Permezz tad-digriet tas-16 ta' Lulju 2012.

36. Min-naha tieghu, ir-rikorrent jikkontendi illi s-somma llikwidata in linea ta' kumpens hija baxxa wisq senjatament fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrent nheles mill-akkuzi kollha li kien mixli bihom taht l-Att ta' Akkuza Numru 45/2010[14]. Isostni wkoll li l-ammont tal-kumpens likwidat ma jirriflettix il-kunsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti u li wassluha biex issib nuqqas ta' proporzjonalita` fid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 u l-konsegwenzjali lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu protett taht l-Artikolu 5 tal-Kovenzjoni. Skont ir-rikorrent, galadarba l-ewwel Qorti accettat li l-assjem tal-effetti tad-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 kien sever wisq meta mqabbel mas-serjeta` tal-ksur tal-kundizzjoni in dizamina, tant li wassal ghal ghan-nuqqas ta' proporzjonalita`, ma messitx illikwidat ammont li jsarraf biss f'ghaxra fil-mija tal-ammont effettivament imhallas mir-rikorrent in linea tal-garanzija personali, stante illi dan l-ammont ma jikkumpensahx adegwatament.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

37. Bhall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tqisx li semplici dikjarazzjoni ta' ksur huwa rimedju xieraq u idoneu biex jikkumpensa lir-rikorrent ghall-ksur tad-dritt tieghu taht l-Artikolu 5. Huwa pacifiku li kumpens f'ammont zghir tenut kont tas-serjeta` tal-konsegwenzi tal-ksur, ma jistax jitqies li huwa konformi mar-rekwiziti tal-Artikolu 5(5).

---

[14] **Repubblika ta' Malta v. Matthew Bajada**, deciza 28 ta' Jannar 2013.

> *"… compensation which is negligible or disproportionate to the seriousness of the violation would not comply with the requirements of Article 5 § 5 as this would render the right guaranteed by that provision theoretical and illusory".*[15]

38. Illi f'dan il-kaz, ir-rikorrent skonta perjodu ta' cirka mitejn (200) jum detenut fil-habs b'effett tad-digriet tas-16 ta' Lulju 2012 stante li ma hallasx il-garanzija personali fil-pront, u dan il-perjodu ta' detenzjoni eventwalment issarraf fi skont ta' €2,353 mis-somma intiera tal-garanzija personali, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonjiet tal-Artikolu 586(1). Fil-fatt, ir-rikorrent spicca hallas il-bilanc fis-somma ta' €27,647 fit-13 ta' Frar 2013. Jirrizulta li dak li effettivament ghamlet l-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lir-rikorrent kien li kkonvertiet il-granet li skonta fil-habs sakemm sab il-fondi biex ihallas il-garanzija personali, f'kumpens monetarju. Din il-Qorti ma tqisx li dan jista' jitqies bhala *just satisfaction* ghar-rikorrent, stante illi l-*quantum* ta' kumpens issarraf prattikament fil-perjodu li r-rikorrent inzamm detenut fil-habs meta l-ewwel Qorti kienet diga` rriskontrat nuqqas ta' proporzjonalita` bejn il-gravita` tal-ksur tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest, u s-severita` tal-mizuta imposta. Kif gie ritenut fil-kaz **Wloch v. Poland**:-

> *"Crediting a period of pre-trial detention towards a penalty does not amount to compensation required by Article 5 § 5, because of its non-financial character."*

39. Il-Qorti taghraf illi bid-digriet tas-16 ta' Lulju 2012, ir-rikorrent tilef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, id-depozitu ta' €5,000 kif ukoll gie

---

[15] **Cumber v. the United Kingdom**, Commission decision.

ordnat li jhallas il-garanzija personali kollha, fis-somma totali ta' €30,000. Il-bilanc li ma hallasx fi flus[16], ir-rikorrent hallashom f'mitejn gurnata detenzjoni u ghalhekk il-kejl ghall-kumpens ghandu jkun is-somma intiera ta' €35,000.

40. Ferm il-premess din il-Qorti tqis li kumpens fis-somma ta' €2,500 ma jikkumpensax lir-rikorrent adegwatament ghal-lezjoni subita minnu.

41. Ghalhekk filwaqt li t-tielet aggravju tal-intimati qed jigi michud, il-kumpens likwidat a favur tar-rikorrent ser jigi awmentat.

*Ir-Raba' Aggravju tal-Intimati*

42. L-intimati jilmentaw mill-fatt illi huma gew ordnati jhallsu l-ispejjez tal-kawza in prim'istanza. Dan l-aggravju huwa ftit spjegabbli. L-intimati ma gewx ikkundannati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza, izda l-ispejjez taghhom biss, ghalkemm l-ewwel Qorti rriskontrat lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent. Din il-Qorti tqis illi r-ripartizzjoni tal-ispejjez kif deciz fis-sentenza appellata hija gusta u tirrifletti d-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent u l-eccezzjonijiet tal-intimati. Ghalhekk ma hijiex sejra tvarja d-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez u dan l-aggravju qed jigi respint.

[16] €2,353

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza appellata limitatament billi tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent ghal-lezjoni fid-dritt fundamentali kontemplat fl-Artikolu 5[1][b] fl-ammont komplessiv ta' tnejn u tletin elf Euro (€32,000) u dan wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont li gie zburzat minnu, l-ammont tas-sanzjoni ritenuta gusta u proporzjonata ghall-ksur da parti tieghu tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, l-perjodu ta' detenzjoni li huwa kellu jaghmel, u l-kumpens pekunjarju u non pekunjarju misthoqq ghall-ksur tad-dritt fondamentali tieghu.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata, filwaqt illi dawk ta' din l-istanza jigu sopportati mill-intimati *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld